**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 757 / 2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**(Lydon Zammit)**

**(Colin Sheldon)**

**vs**

**Reuben Galea**

Illum 16 ta' Dicembru 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Reuben Galea ta' 44 sena iben Angelo u Eva nee' Hili, imwieled Mtarfa nhar il-11 ta' Gunju, 1975, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 276975 M u residenti gewwa Clotilde, Triq Misrah il-Barrieri, Msida, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Fis-17 ta' Dicembru 2019 ghall-habta tas-sebgha u nofs ta' filghodu (07:30hrs) fi Triq Abate Rigord f' Ta' Xbiex, irrenda ruhu komplici meta

flimkien ma' persuna ohra bil-hsieb li jaghmel delitt ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), ghad-dannu ta' Karolina Grima, wera dan il-hsieb b' atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga indipendenti u accidentali mill-volonta tieghu skond Artikoli 41 (1) (a), 261 (a) (b) (c), 263(b), 270 u 275 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. talli fl-1 ta' Dicembru 2019 ghall-habta ta' bejn is-siegha ta' wara nofsinhar u l-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar, minn gewwa il-Valentina Hall li jinsab fi Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun ikkometta serq ta' wallet ghad-dannu ta' Veneranda Sammut anzjana ta' 65 sena skond Artikoli 284 u 285 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. fl-istess dati, hinijiet lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta' probation order ta' Kapitolu 446 Artikolu 7 tal-Ligijiet ta' Malta ghal terminu ta' tlett snin mghotija fil-konfront tieghu b' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Dr. C. Galea LL.D datata 29 ta' Ottubru 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel;

4. fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta' probation order ta' Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal terminu ta' tlett snin moghtija fil-konfront tieghu b' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Dr G. Vella LL.D datatat 13 ta' Settembru 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel;

5. fl-istess, dati, hinijiet, lok u cirkostanzi irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mall-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 u 412 C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat ir-rikors tal-appellant pprezentat fl-atti nhar l-20 ta' Lulju, 2021[1] fejn ippremetta li ai termini tal-artikolu 3 u 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta tasssumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga.

Rat li fir-rikors tieghu talab li jinstemghu certu xhieda fosthom lil Dr. Joseph Spiteri, Dr. Lee Calleja, Dean Catania u Maryln Attard.

Illi in segwitu talab li din il-Qorti tikkonverti ruha fi Qorti ta' Droga.

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Lulju 2021 fejn ordnat notifika lill Avukat Generali.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali kif verbalizzata waqt is-seduta tad-29 ta' Lulju 2021 fejn irriserva li jaghti ir-risposta tieghu ghal wara jinstemghu x-xhieda indikati mil-istess rikorrenti.

Semghet ix-xhieda ta' l-ufficcjal tal-Probation **Marilyn Attard** li xehdet nhar it-23 ta' Settembru 2021 u spjegat li hija taf lil Reuben Galea għaliex kien ġie referred għandha permezz ta' Ordni ta' Probation, l-ewwel waħda ingħatat fit-13 ta' Settembru, 2019. Tghid ukoll li imbagħad kellu każijiet oħra għand Probation Officers oħra fil-passat.

[1] Fol. 268 tal-process

Tghid li ma' Reuben l-istorja ma kinetx bdiet tajba ħafna għaliex meta beda l-Ordni ta' Probation, Reuben kellu problema ta' dipendenza fuq id-droga akuta ħafna. L-aktar prominenti kienet cocaine, Crack cocaine sa fejn taf hi, pero' kien jabbuża minn varjetà. Dak iz-zmien Reuben ma kienx jaghmel kuntatt maghha ghaliex kien qed jgħix ħajja kaotika, u lanqas biss kien jatttendi. Fil-fatt hi kienet iddenunzjatu mill-ewwel bi ksur ta' Probation. Nelfratemp tghid li, kien ingħata probation Order oħra, qisu xahar wara, li wkoll eventwalment ġiet miksura minħabba li kien hemm breach ta' bail. Reuben baqa' jżomm kuntatt regolari u baqghet izżomm kuntatt regolari miegħu meta kien il-ħabs. Bħalissa qiegħed jiskonta sentenza ta' ħabs. Kien hemm naqra problemi relatati mas-saħħa mentali tiegħu minħabba li kien hemm episodji ta' psychosis u problemi relatati. Issa qed jibda jistabbiliżża, qed jieħu l-medication, qiegħed f'ambjent ikkontrollat fejn jista' jkun li qed ikollu ċertu element ta' stabbiltà.

Tghid pero li qed tara titjib fl-attitudni. Tant li jixtieq jitla' programm pero' peress li għandu sentenza fit-tul, jiġifieri qed tikkalkula li għandu madwar tlett snin, għadu mhux il-waqt li jitla' għall-programm. Il-programm jitla' fl-aħħar sena. So, għalissa qed jużaw dan iż-żmien biex jistabbiliżża. L-aktar li qed jiffukaw fuqha hija l-mental health tiegħu għaliex kien hemm problemi, kien hemm mumenti fejn qed ikun psychotic u kien hemm mumenti fejn kellu bżonn jittella' Mount Carmel u reġa' lura. Issa qiegħed ikun iktar stabbli.

Hemm improvement, waqt li qieghed fl-ambjent ikkontrollat. Dan għamillu ġid. Issa iktar ma jdum il-ħabs, iktar ħa jdum ma jmur programm, għax ma tagħmilx sens u mhux possibbli li jmur programm u jerġa' jmur lura l-ħabs. Jiġifieri rridu jistennew għall-aħħar sena ta' ħabs biex imbagħad ikun jista' jmur programm.

Mistoqsi jekk hemmx kuntatt tghid li ħafna drabi kien qed ikun permezz ta' skype calls minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid, pero', anke hu ġieli jċempel, jieħu inizjattiva hu, jiġifieri m'għandhiex problema ta' kuntatt, m'għandhiex problema

li jippartecipa fis-sessions, anke l-feedback li għandha mill-care plan co-ordinator tiegħu, hija pjuttost pożittiva. L-andament huwa pjuttost pożittiv. Qed jistabbiliżża bil-mod il-mod.

Semghet lil **Dr. Lee Calleja** jixhed fis-seduta tat-23 ta' Settembru, 2021 u jghid li huwa tabib u jahdem l-emerġenza Mater Dei. Muri discharge note jikkonferma li kien ezamina lil Reuben Galea f'Jannar 2019, meta kien ġie b'uġiegħ f'wiċċu wara li allegatament kien qalilhom li ħa xi cocaine hames ijiem qabel.

Semghet lil **Maria Caruana** tixhed ghan nom u in rapprezentanza ta' Caritas Malta u dan fit-23 ta' Novembru 2021. Spjegat li Mr. Galea beda l-ewwel kuntatt tiegħu mal-Caritas fit-13 ta' Lulju, 2020. Mit-13 ta' Lulju sad-9 ta' Settembru, 2020 Mr. Galea attenda għal erba' sessjonijiet mal-worker assenjat lilu Sean Catania. Prattikament waħda f'ġimgħa kienet. F'waħda mis-sessjonijiet ħalla kampjun ta' l-urina li ġiet ittestjata għall-kokaina u rriżultat fin-negattiv. Dan il-kampjun, taħt sorveljanza ta' staff maskili tħalliet fit-13 ta' Lulju 2020. Dan huwa l-unika kampjun ta' l-urina li Mr. Galea ħalla fil-bini tal-Caritas. Mid-9 ta' Settembru 2020 lil hawn, ma kien hemm l-ebda kuntatt u lanqas tħallew kampjuni ta' l-urina. Tghid ukoll li wara dan il-perijdou Reuben Galea spicca il-habs. Hija esebiet in-notamenti taghha li gew immarkati bhala dok MC.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2021 fejn l-Avukat Generali huwa tal-fehma li s-sub inciz (2) tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikax ghal kaz in ezamina u li din l-Onorabbli Qorti ghandha ghalhekk tichad it-talba rikorrenti.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti dejjem ghamlet minn kollox sabiex tghin min vera ried jindirizza il-problema ta' droga u dan ghaliex tifhem li m'hiex haga facli pero trid tkun konvinta li hemm ir-rieda tajba. Jidher li r-rikorrenti jixtieq jinghata c-chance li jindirizza din il-problema bis-serjeta tant li ghamel din il-prezenti talba sabiex din il-Qorti tikkonverti ruhha fi Drug Court.

Din il-Qorti tifhem li din il-Liġi u cioe il-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta Malta hija intiża, *inter alia*, sabiex min ikun dipendenti fuq id-drogi jkun jista' jsib struttura legali u fattwali li tgħinu jqum fuq saqajh grazzi għal qafas leġislattiv li jiffoka fuq l-aspett rijabilitattiv aktar milli dak retributtiv. Iżda il-Leġislatur ried li ċertu kategoriji ta' reati ma jkunux jikkwalifikaw għall-dawn il-miżuri speċjali. Fil-fatt l-artikolu 13 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta jippreskrivi filtru li jħalli biss ċertu tipoloġiji ta' reati li jkunu jistgħu jissodisfaw għall-applikabbilita ta' dan l-Att. Jingħad hekk:-

Dan l-Att m'għandux japplika:

> (a) fir-rigward ta' kull reat kontra l-liġijiet dwar id-droga, ħlief reat li jikkonsisti fil-pussess sempliċi għall-użu personali ta' droga projbita, imwettaq fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ; jew
>
> (b) fejn ir-reat ikun jikkonsisti fil-bejgħ, fil-provvista, fis-somministrazzjoni jew fl-offerta ta' droga projbita lil minorenni, lil mara tqila jew lil persuna li tkun qed issegwi programm ta' kura u ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga u li għal dak ir-reat japplikaw it-tieni proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jew

it-tieni proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi; jew

(ċ) fejn ir-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga huwa wieħed imwettaq fi jew fir-rigward ta' faċilità korrettiva.

Mill-banda l-oħra l-**artikolu 8** tal-istess liġi jippreskrivi s-segwenti:-

(1) Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li, irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema', toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

(2) Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiet tas-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:

(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;

(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att

kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;

(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga.

Skont l-artikolu 8, hemm żewġ kategoriji ta' reati li jkunu jistgħu jikkwalifikaw għal din il-proċedura speċjali – A. Dawk ir-reati kommessi taħt il-Liġi li tirregola d-Droga; B. Ir-reati li jridu jkunu tali li ma jkunux iġorru piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija.

Fiż-żewġ ipoteżi A u B hawn fuq imsemmija, l-artikolu 8 jeħtieġ ukoll li :

a. il-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) tiegħu jridu jkunu ġew sodisfatti u

b. il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema', tqis li l-każ ikun jimmerita li hija tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

Illi mis-suespost jidher li r-reati li bihom gie akkuzat l-appellant Reuben Galea ghandhom piena li ma teccedix is-sebgha snin prigunerija u m'humiex reati kommessi kontra l-persuna (kif indikati fic-charges moghtija mill-prosekuzzjoni). Jinghad pero' li ghad ma hemmx cirkostanzi oggettivi li jindikaw li l-appellanti verament xtaq ibiddel hajjtu u jibda t-triq it-tajba (kif del resto xehdet l-Ufficjal tal-Probation Marilyn Attard l-appellanti habbatha hafna tant li anke kien gie imressaq il-Qorti fuq breach of bail u rega sab ruhu l-Habs. Tghid li fil-fatt mhux dejjem zamm kuntatt maghha u kien biss kemm kien ilu l-habs li donnu rrealizza li xtaq jindirizza il-problema akuta ta' droga. Pero' wiehed irid jiftakar li f'dan il-

perijodu l-appelalnti kien mizmum f'ambjent ritreett u ghalhekk forsi xtaq li jibda dan il-programm pero ghadu kmieni tant li fil-fatt qed jiskonta sentenza ta' tlett snin u ma jistax jibda programm qabel ma jasal fl-ahhar sena taghha li jista' jibda jittenta jibda dan il-programm rijabilitattiv . Ghalhekk din il-Qorti tara li tali talba m'hiex idoneja f'dawn ic-cirkostanzi  u di piu din il-Qorti ghalhekk tqis li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-Subartikolu (2) ma humiex sodisfatti,  u appuntu is-sub inciz ( c)  ghaliex ma hemmx raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata u cioe Reuben Galea  x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga w ghalhekk issa wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-avukat difensur f'isem il-persuna akkużata w lill-Dr. Andre Zammit ghall-ufficcju tal-Avukat Generali  joggezzjona ghal tali talba  semghet ukoll kull xhud li hija qieset li kien neċessarju, thoss li m'ghandhiex tikkonsulta mal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, u ghalhekk ma hiex qeghda tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement qeghda tichad it-talba tal-appellanti Reuben Galea  biex tikkonverti ruha fi Qorti ta' Droga.

Konsegwentement tordna kontinwazzjoni tal-kawza.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Nadia Ciappara
Deputat Registratur